f'iżjed dettall:

- Il-missier hu inqas anzjuż mill-omm, inqas nervuż, inqas protettiv.
- Il-missier jilgħab b'mod *maskili*, l-omm b'mod femminili. Ġeneralment l-omm titkellem b'leħen kalm mat-tarbija tagħha, bilqiegħda; tħabbat il-pużati biex iddoqqilha, jew tilgħab noli magħha. Il-missier, mill-banda l-oħra, jaqbdu f'dirgħajh, itellagħlu għajnejh viċin ma'tiegħu, iħares lejh u jiċċajta miegħu, imbagħad jitilqu fl-arja, biex dritt jaqbdu lura bejn dirgħajh jew fuq spallejh u jiġri biċċkejken sa jtir bil-ferħ, dejjem bla ma jitilqu minn taħt għajnejh!
- Il-missier jagħti inqas kas tat-tbajja'.
- Il-missier, normalment, jinkwieta inqas għas-saħħa tal-iben. Bil-kontra, hemm ommijiet li mal-ewwel tqaħqiħa, diġà jibdew jarawh fil-qabar.
- Il-missier għandu xeħta jiġbed lejh iktar mill-omm. Eżempju minn elf. Margherita, bint il-kittieb kbir Beppe Fenoglio (1922-1963), kienet kburija b'missierha. Kienet tgħid: *"Missieri hu r-raġuni li biha jiena mkabbra. Missieri hu l-eroj tiegħi!"*.
- Il-missier hu iżjed skjett, iżjed dirett mill-omm. Din ħaġa li, b'mod speċjali l-adolexxenti, togħġobhom.
- Differenza tal-aħħar tal-imġiba 'stil maskili': il-missier iżomm lil ibnu f'dirgħajh b'mod għal kollox tiegħu. Waqt li l-omm trossu magħha, il-missier jaqbdu dritt f'dirgħajh, qisu kien xi biċċa ħobża Naplitana! Din mhix ħaġa żgħira, jgħidulna l-psikologi: il-ġest għandu sinifikat ċar pedagoġiku: waqt li l-omm donnha trid tagħmel lil binha tagħha, il-missier jgħinu jinqata' minnu, jiftħu għad-dinja, jimbuttah 'il fuq.


Ritratt: Sai De Silva from www.unsplash.com

Jekk dak li għidna hu minnu, jekk iċċaħħad tifel milli jinteraġixxi maż-żewġ modi kif ikun bniedem, tkun qed tisirqu: tkun qed teħodlu l-kundizzjonijiet essenzjali biex jinbena fi bniedem suċċess, armonjuż u totali.

Hawn forsi ssib min joġġezzjona: xi provi xjentifiċi jwassluna biex niġġustifikaw dak li għidna b'mod hekk qawwi u deċiż? Din it-tip ta' edukazzjoni għandha storja li għadha qasira wisq biex nistgħu naslu għal konklużjonijiet għal kollox ċerti.

B'dan ma jfissirx li m'għandniex inżommu dejjem quddiem għajnejna l-*Prinċipju tal-prevenzjoni*, li skontu qatt mhu leċitu nilagħbu b'riskju għal ħaddieħor, fuq kollox meta għandna realtajiet delikati bħal din: il-formazzjoni ta' persuna umana.

## TATNI L-ĦAJJA DARBTEJN

Lill-omm dejjem sa nsibuha hemm għalina meta jkollna bżonnha. Tgħin, tipproteġi, tisma', tagħti parir u tieħu ħsiebna, kemm fiżikament u kemm moralment. Tagħmel mezz li l-familja tagħha tkunu maħbuba 24 siegħa kuljum, sebat ijiem fil-ġimgħa, 52 ġimgħa fis-sena. Tal-inqas jien hekk niftakarha lil ommi fil-ftit snin prezzjużi li kelli x-xorti li nqatta' magħha. Imma l-ebda kliem ma jista' jfisser is-sagrifiċċju li għamlet, imqanqla mill-imħabba kbira li kellha għalija li kont l-iżgħar fost uliedha.

'Kelli dsatax-il sena u kienu se jeħduni f'kamp tal-konċentrament flimkien ma' bosta Lhud oħra. Kienet ħaġa ċara li konna se mmutu. Ħabta u sabta ommi resqet quddiem u bidlet postha ma' tiegħi. Anki jekk qed nitkellmu fuq ħamsin sena ilu, ma ninsa qatt l-aħħar kelmiet tagħha u l-ħarsa ta' tislima tagħha: "Għext biżżejjed. Int fadallek x'tgħix għax għadek żgħir wisq", qaltli.

Ħafna tfal jitwieldu darba biss. Jien ingħatajt il-ħajja darbtejn, mill-istess omm.' - Joseph C. Rosenbaum